MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Numru. 655/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**STEFAN CUTAJAR, iben Joseph u Maria Iris nee' Cassar, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16 ta' April, 1984, residenti fil-fond numru 4, Flat 1, Triq l-Ajzar, Hal Safi, detentur tal-karta tal-identita' numru 0203984M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Stefan Cutajar** li gie akkuzat talli:

A. Nhar l-4 ta' Awwissu, 2007, ghall-habta tat-8.15 ta' filghaxija, gewwa Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq ta' CD sterdo tal-ghamla JVC, mudell

KD-G332 u numru tas-serje 102X5661 minn vettura tal-ghamla Citreon, mudell Saxo, ta’ lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni LCC943, li kienet tinsab ipparkeggata fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin, limiti ta’ Rahal Gdid, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun kwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ Louis Cassar minn San Giljan u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura tal-ghamla Citreon, mudell Saxo, ta’ lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni LCC943, li kienet tinsab ipparkeggjata fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin, limiti ta’ Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-Lm10.00 izda mhux izjed minn Lm50.00, ghad-dannu ta’ Louis Cassar minn San Giljan u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

C. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkawza hsarat volontarji fuq CD stereo tal-ghamla JVC, mudell KG-G332 u numru tas-serje 102X5661, liema hsara teccedi l-Lm10.00 izda mhux izjed minn Lm50.00, ghad-dannu ta’ Louis Cassar minn San Giljan u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

D. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta’ Louis Cassar sabiex jingurja, jew jaghmel hsara lill-istess, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

E. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u xjentement b’kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi

moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

G. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-30 ta' Awwissu, 2006.

Rat illi gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet ix-xhieda saljenti, u cioe' dik ta' Aloysius Cassar, li qal illi x'hin avvicina l-karozza tieghu Citreon Saxo LCC942, hemm ra lill-imputat gol-karozza tieghu, kellu r-radio f'idu. Xehed illi dan qalaghlu r-radio minn mad-dash board kif ukoll hadlu l-front tieghu li kien gol-glove compartment. Qal illi fil-vettura sab il-quarter window miksura. Dan ix-xhud zamm lill-imputat fuq il-post sakemm martu marret issejjah lill-pulizija.
Dwar l-ispejjez sofferti, qal illi l-quarter window qamitlu Lm13.00 u li t-tellar hadlu Lm9.00 biex irrangalu l-vettura, mentri nefaq Lm8.00 biex isewwi r-radio, Dok JB1 – JB4.

Minn naha tieghu Christopher Darmanin ghal ADT, ikkonferma li l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni, cioe' registrata fuq dan Aloysius Cassar.

Gew ezebiti sentenzi in sostenn tal-akkuzi tar-recidiva, kif ukoll ghall-ksur tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ukoll lill-Probation Officer Mary Rose Farrugia dwar il-progress o meno tal-imputat, fi hdan il-programm kontra l-abbuz tad-droga, kif ukoll fi hdan l-Ordni tal-Probation moghtija lilu minn din il-Qorti diversament preseduta. Frankament din il-Qorti, wara li tat harsa lejn il-fedina penali tieghu, u d-diversi opportunitajiet lilu moghtija, ma tantx hi mpressjonata bil-progress limitat tieghu.

Tenut kont ta' dak kollu premess, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 263, 270, 271, 325, 49 u 50 tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll ghall-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tilliberah mill-akkuzi mahsuba taht l-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu mhux pruvati u minn dik taht l-Artikolu 334 in kwantu wahda alternattiva.

Dwar il-piena rat il-fedina penali tal-imputat, kif gia’ premess u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ sena (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------